MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 492/2004

**Tip Top Limited**

**Vs**

**AML Investments Limited**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta' Lm1315.40 (elf tlett mija u hmistax-il Lira Maltin u erbghin centezmu) bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjes u interessi kontra s-socjeta` konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex is-socjeta` konvenuta twiegeb ghalihom bil-

gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikata regolarment fit-13 ta' Jannar 2006 is-socjeta` konvenuta naqset u ma dehritx meta gew ipprezentati fit-30 ta' Jannar 2006 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------